31997D0763

15.11.1997 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 313/25

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## ta' l-10 ta' Novembru 1997
## li tikkonkludi l-Ftehim ta' koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel

(97/763/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 130 (m), flimkien ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza, u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 228(3) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi l-Komunità Ewropea u l-Afrika t'Isfel qed isegwu speċifikament il-programmi RTD f'ambiti ta; interess komuni;

Billi fuq il-bażi ta' esperjenza tal-passat, iż-żewġ naħat urew ix-xewqa li jistabbilixxu struttura iżjed fonda u wiesa' għattmexxija ta' kollaborazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija;

Billi dan l-Ftehim ta' koperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija jifforma parti mill-koperazzjoni globali bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra;

Billi bid-Deċiżżjoni tagħha tat-22 ta' Jannar 1996, il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni sabiex jinnegozja ftehim dwar koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel;

Billi bid-Deċizjoni tagħha tal-5 ta' Diċembru 1996, il-Kunsill iddeċieda li l-Ftehim fuq koperazzjoni xjentifika u teknologika tkun iffirmata f'isem il-Komunità;

Billi l-Ftehim fuq koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Komunità Ewopea u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel kient iffirmata fil-5 ta' Diċembru 1996;

Billi l-Ftehim fuq il-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel għandha tiġi appprovata,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel hawnhekk approvata f'isem l-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Skond l-Artikolu 11 tal-Ftehim, il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifiki li l-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim kienu kompluti fil-parti tal-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Novembru 1997.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

E. HENNICOT-SCHOEPGES

([1]) ĠU C 134, tad-29.4.1997, p. 7.
([2]) ĠU C 304, tas-6.10.1997.